# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum iz-19 ta' Novembru, 2015**

**Rikors Numru 578/2015 SM**

***Steel Eagle Commerce Limited***
**(C – 46938)**

**vs.**

**Polidano *Brothers Limited***
**(C – 8884)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-12 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` rikorrenti hi kreditrici ta' dik intimata fis-somma komplessiva indikata fl-istess rikors guramentat

promotur, (ara foll 1), oltre l-imghaxijiet kummercjali sal-pagament effettiv;

1.2. Illi l-ammont *de quo* jirrapprezenta l-bejgh u l-konsenja ta' merkanzija lis-socjeta` intimata minn dik rikorrenti, (ara foll 4);

1.3. Illi *nonostante* li interpellata biex thallas l-ammont minnha dovut, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti, (ara foll 5);

1.4. Illi d-dejn involut hu wiehed cert, likwidu, u dovut, u s-socjeta` intimata m'ghandiex eccezzjonijiet x'tipproduci;

1.5. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex dik intimata tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tipprocedi bid-dispensa tas-smiegh *a tenur* ta' l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.5.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas lil dik rikorrenti l-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf, sitt mija, tnejn u tletin Ewro u erbghin centezmu, (€22,632.40), *oltre* l-imghaxijiet kummercjali kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur, ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta` intimata minn dik rikorrenti;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Tirrileva li s-socjeta` intimata giet debitament notifikata bir-rikors guramentat promotur u bl-avviz relattiv ghas-smigh, (ara foll 10);

3. Rat in-nota tas-socjeta` rikorrenti datata l-21 ta' Ottubru, 2015, li permezz taghha irriduciet l-ammont minnha pretiz f'dawn l-atti ghal dak ta' elf, seba' mija u tlettax -il Ewro, u wiehed u hamsin centezmu, (€1,713.51), oltre l-imghaxijiet u spejjez involuti, *stante* diversi hlasijiet maghmula in akkont mill-istess socjeta` intimata lil dik rikorrenti, (ara foll 14);

4. Semghet lir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti jikkonferma l-fatti kif fuq sintetikament esposti;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti tikkonsidra li s-socjeta` rikorrenti pprovat it-talbiet kollha taghha u konsegwentement:

**DECIDE:**

5.1. Tiddeciedi li, sodisfatti l-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tipprocedi bid-dispensa tas-smigh;

5.2. Tiddikjara lis-socjeta` intimata Polidano *Brothers Limited* fuq gia` indikata, hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti ghas-somma rimanenti ta' elf, seba` mija u tlettax -il Ewro u wiehed u hamsin centezmu, (€1,713.51), flimkien ma' l-imghaxijiet kummercjali relattivi dovuti;

5.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata fuq gia` riferita biex thallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti, flimkien ma' l-imghax kummercjali involut lis-socjeta` rikorrenti fuq riferita;

5.4. Bl-ispejjez, kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra s-socjeta` intimata, u dan, mid-data ta' l-interpellazzjoni originali fit-termini ta' l-artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara foll 5), senjatament, il-11 ta' Marzu, 2015.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**